# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta tat-13 ta' Lulju 2022

V.A.T. Sitting

PC/VAT/4589/99(a)
Reg. No.: 2322 1113

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**
**vs**

**Glorianne Mizzi**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi kontra l-imputata, **Glorianne Mizzi** , bint Vincent u Rita neè Farrugia, detentrici tal-karta tal-identità numru 404577M, u residenti 47, Triq F. Vidal, Swieqi, Malta:

Talli bhala direttur u/jew ghan-nom u in rapprezentanza ta' **V.I.P Tours Malta Limited (C63326)** u/jew bhala persuna rregistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, waqt spezzjoni b'sorpriża li seħħet fil-21 ta' Novembru 2017 ġewwa V.I.P. Tours Malta Limited li jinsab il-Mosta, rrizulta li jew hi jew xi persuna oħra li kienet qed taġixxi għan-nom taghha, xjentement naqset li tirrilaxxa riċevuta fiskali permezz ta' *cash register fiskali* u/jew permezz

tal-kotba fiskali kif approvati mill-Kummissarju tat-Taxxi, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet speċifikati fil-partita 13 tat-Tlettax-il skeda li tinsab mal-Att tal-1998, skont il-kumpens lilha mhallas matul Lulju 2017 mill-Kamra tar-Rapprezentanti, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (e) u 82 tal-Att.

Rat l-atti kollha u d-dikjarazzjonijiet li saru mill-Partijiet waqt is-smiegh tal-10 ta' Lulju 2019, it-23 ta' Ottubru 2019 u s-26 ta' Jannar 2022.

Semghet lix-xhudi prodotti mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza, w ezaminat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw.

IKKUNSIDRAT:

Xehed bil-gurament Anton Theuma li qal li kienu ghamlu ezercizzju wara li d-Dipartiment kien ircieva lista ta' trasazzjonijiet mill-Parlament ta' Malta li turi li l-hrug ta' invoices izda n-nuqqas tal-hrug tar-ricevuti fiskali. Fl-10 ta' Novembru 2017 hu u ufficjali ohra marru jkellmu lil Glorianne Mizzi detentrici tal-karta tal-identità numru 404577M, fin-negozju V.I.P. Triq il-Kbira, Mosta. Waqt din l-ispezzjoni meta saret tfittxija ghall-ktieb tar-ricevuti fiskali izda dak il-hin ma kienx hemm. Sar kuntatt telefoniku mal-Accountant Marisa Ciappara minn dak l-ufficju u wiegbet li ma kellhiex il-ktieb tar-ricevuti. L-Ufficjali li kienu qed jaghmlu spezzjoni qalulhom biex japplikaw ghal wiehed u rrangaw laqgha fil-gimghat ta' wara biex huma jilhqu jgibu l-ktieb tar-ricevuti. Kienet saret laqgha nhar il-21 ta' Novembru u prezenti kien hemm Marisa Mizzi li hargitilhom ricevuta tal-invoice bl-ammont ta' mija u tmintax-il Euro (€118). Irrizulta li l-ktieb tar-ricevuti fiskali kien inhareg f'Mejju 2016. Mistoqsi jekk kinitx inghatat raguni ghan-nuqqas li ma nhargitx ricevuta fiskali, wiegeb li kienu l-ewwel qalulhom li ma kellhomx ktieb tar-ricevuti u meta regghu accede ghall-ufficju de quo nstab li kellhom tali ktieb izda "*… midehra ma kienx qed jintuza anqas biss kienu jafu li kien qieghed l-ufficju*". Ma kinux ghamlu spezzjonijiet ohra. Waqt il-kontro-ezami tieghu, ix-xhud qal li r-ricevuta kienu ghamluha nhar il-21 ta' Novembru waqt it-tieni laqgha fid-Dipartiment koncernat. Ix-xhud qal li : "*… qalulna ahna normalment ma nohorgux meta jkun business to business.*" Huwa zied ighid li: " *Però ghal mal-gvern il-ligi tghid li suppost jaghtu rcevuta.*" Wara li kienet inharget l-invoice lill-Parlament ta' Malta, ricevuta fiskali ma kinitx inharget. Bhal

spjegazzjoni taghhom ghaliex ma kinux hargu l-invoice, ix-xhud qal li: "*Huma qalu li juzaw invoices biss.*" L-ufficjali kienu gew murija s-sales ledger u urewh il-fattura fis-sales ledger. Instab li qabel l-ispezzjoni, il-VAT kienet thallset lid-Dipartiment.

Xehdet bil-gurament Marisa Ciappara li ntroduciet ruhha bhal l-Accountant ta' V.I.P. Tours Limited. Hija qalet li f'Novembru 2017 rceviet telefonata mill-ufficju tal-kumpannija de quo. Il-persuna fuq in-naha l-ohra tat-telefon identifika ruhu maghha bl-isem ta' Sur Tewma u li kien ufficjal tad-dipartiment de quo. Hija qal li dan tal-ahhar kien talabha kopja tas-sales ledger tal-kumpannija u "*biex nirrikoncilja nuri s-sales ledger minn perijodu sa perijodu li kien ikopri July two thousand seventeen (2017) mar-return, mal-VAT return li l-istess kumpannija ssabmejtjiet lid-Dipartiment.*" Hija fissret il-procedura tal-kumpannija jigifieri li "*… bazikament il-procedura hija li jsir, mela l-kumpannija tipprovdi servizz bazikament ta' ... guiding services, hemm fejn wara li jkun sar is-servizz tohrog it-tax invoice… Hemm nixtieq hawn niddentifika li l-bicca l-kbira tal-klijenti huma business to business …*" Hija fissret li wara l-hrug tal-invoice, jekk il-klijent jitlob ricevuta tinhareg ricevuta fiskali. Jekk ma jitlobx, tali ricevuta ma tohrogx. Ix-xhud ikkonfermat li t-tax invoice li tinsab in atti u ggib in-numru 85, u li kienet giet murija lilha waqt ix-xhieda taghha, kellha d-data tal-21 ta' Gunju 2017. Kienet inhareg fi ftit granet wara li kien inghata s-servizz. L-invoice kient irrekordjata fis-sales ledger li kien sar mix-xhud stess. Ix-xhud qalet li: "*… it-total tas-sales ledger jaqbel mat-total iddikjarat filVAT return li tkopri l-perjodu mill-ewwel (1) ta' Mejju sal-wiehed u tletin (3) ta' Lulju, liema return giet ufficjalment ihhendjata lid-dipartiment fil-hmistax (15) ta' Settembru mad-data taghha bit-timbru mahruga u li abbazi ta' din fuq l-istess sar il-pagament lid-dipartiment u harget l-ircevuta mid-dipartiment.*" Hija qalet li kien servizz business to business li f'dan il-kaz kien il-Parlament ta' Malta. Intalab servizz u nharget u ntbaghtet tax invoice lill-Parlament. It-tax invoice kellha VAT li gie rregistrat fil-processi li kienet issegwi l-kumpannija. Il-VAT kien gie inkluz fil-VAT return u sar il-hlas tieghu lid-Dipartiment qabel ma kienet saret l-ispezzjoni. Fil-kaz ta' business to consumer, il-konsumatur irid jidentifika ruhu bhala konsumatur "… *Il-konsumatur irid jghidlek li huwa konsumatur sal-lum bhala VIP qatt ma rcevejna telefonata mill-Parlament."* Il-kontro-ezami ta' Marisa Ciappar sar fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2019 u qalet li b'fiscal invoice qed tirreferi ghall-fiscal invoice l-griza. Hija qalet li din tohrog meta l-persuna li qed tircievi s-servizz m'ghandhiex VAT number. Tax invoice "*Tinhareg meta min qed jipprovdi s-servizz huwa business u tinghata lill-persuna lil min*

*qed jircievi s-servizz huwa business ukoll*." Ix-xhud qalet li wiehed jingharaf bhala business to business min-numru tal-VAT. Dwar in-nuqqas ta' dehra tal-VAT number tal-Parlament fuq il-fattura, ix-xhud qalet l-Parlament ma kienx talab korrezzjoni. Ix-xhud temmet tghid li: "... *l-invoice partikolari kellha data fuqha, dik id-data ta' dik l-invoice waqa' fit-tax period ta' meta l-klijent ried jissottometti l-VAT, dik l-invoice giet iddikjarata fil-formola tal-VAT ta' dak il-perjodu, meta gie l-Ispettur dik l-invoice sabha u rrikonciljaha mal-VAT return u mal-input tax relatat maghha u l-VAT relatat gie mghoddi lid-Dipartiment.*"

Il-Prokuratur Quentin Tanti xehed li fid-data tal-21 ta' Novembru 2017, id-diretturi tal-kumpannija VIP Tours Malta Limited bin-numru C74688 kienu Douglas Barbaro Sant detentur tal-karta tal-identità numru 60776M, Erica Farrugia Harding detentrici tal-karta tal-identità numru 482874M u Glorianne Mizzi detentrici tal-karta tal-identità numru 404577M u li kienet tokkupa wkoll il-kariga ta' company secretary.

Claudine Parnis xehdet li hija taqdi l-funzzjoni ta' Executive Officer fl-Accounts Section tal-Kamra tad-Deputati. Hija qalet li l-Parlament kien ha servizz minghand V.I.P. Tours Malta Limited nhar il-21 ta' Gunju 2017. Il-hlas sar f'Lulju izda qatt ma rcevejt ricevuta. Hija qalet li kienu nghataw invoice li ma kinux iqisuha bhala ricevuta fiskali. Hija qalet li kienu nsistew ghar-ricevuta de quo ("*Ghax kull invoice li nghaddu u nhallsu nesigu li jkun hemm il-VAT receipt.*" u "*Bhala procedura, dejjem hekk qalulna. Kif isir il-hlas irid ikun hemm il-VAT receipt.*") Hija qalet li bhala procedura jhallu tliet (3) xhur u jekk ma jircievux ir-ricevuta fiskali, huma jirraportaw lid-dipartiment tal-VAT. Ir-ricevuta ma kinitx inharget izda huma kienu rcevew minghand Anton Theuma ir-ricevuta fil-21 ta' Novembru wara aktar minn tliet xhur. Waqt il-kontro-ezami taghha, ix-xhud qalet li dejjem insistew ghal ricevuta ta' lewn grizu li l-Kamra tad-Deputati ghandha numru tal-VAT. Hija ma setghetx tiftakar in-numru.

Glorianne Mizzi xehdet li hija wahda mid-diretturi tal-kumpannija de quo. Ix-xhud qalet li l-kumpannija kellha talba biex tipprovdi s-servizz ta' guided tour, is-servizz inghata u bhas-soltu nharget fiscal invoice li ntbaghtet lill-Kamra tad-Deputati ghall-hlas. Il-hlas kien sar ftit wara. L-invoice marret ghand l-Accounts fejn sar il-VAT exercise u f'Settembru thallset il-VAT lid-dipartiment. F'Novembru kien marru l-Ispetturi u staqsew dwar l-invoice. Ix-xhud qal li l-Ispetturi marru jivverifikaw: "... *Li ma hrigniex il-VAT il-griza biex nifthemu. L-ircevuta.*" Murija d-dokument li fl-atti huwa mmarkat bhala CP 2, hija gharfet il-fiscal invoice

li kienet inghatat lill-Parlament. Hija gharfet il-VAT number tal-kumpannija de quo fuq il-fattura izda ma kinitx taf in-num rut al-VAT tal-Parlament. Fuq il-fattura gharfet biss in-numru tal-kumpannija wara suggeriment li fuq il-fattura kien hemm biss VAT number wiehed. Hija qalet li ma kien kellimhom hadd dwar ir-ricevuta. Hija gharfet il-kitba taghha fuq ir-ricevuta fiskali li kopja taghha kienet giet pprezentata in atti u mmarkata bhala document CP 1. Hija qalet li "*li generalment business to business m'ghandniex bzonn nohorguhom. Fil-fatt kull business li naghmlu ma' business iehor qatt ma nohrguhom, ghax ikun hemm il-VAT number….*" u "*Generalment meta per ezempju jkollna request minn individuals, …, familja gejja holiday hawn Malta u xtaqu servizz. Mhujiex* [M'hijiex] *business u wara s-servizz intuhom l-invoice u s-soltu ntuhom l-ircevuta l-griza. Meta jcemplulna kumpaniji jew certu entitajiet li they don't ask for the grey one, nohorgu l-fiscal invoice.*" Ix-xhud qalet li generalment jitolbu d-dettalji lill-klijenti tal-kumpannija ("*Nibghatulhom instructions 'send us your billing instructions'* "). Hija kkonfermat li fl-invoice in-numru tal-VAT tal-Parlament ma kienx tnizzel.

IKKUNSIDRAT:

F'din il-kawza l-Imputata ġiet mixlija li naqset li jagħti riċevuta wara bejgh lill-konsumatur, u cioè, il-Kamra tad-Deputati. M'huwiex kontestat li l-kumpannija fil-kaz de quo gabret l-ammont ta' mija u tmintax-il Euro (€118) u hallsitha meta ppresentat il-VAT return fix-xahar ta' Settembru 2017. Izda, mix-xiehda viva voce li ġiet prodotta quddiem din il-Qorti, l-Imputata ggustifikat ruhha ghala ma nghatatx ricevuta fiskali billi insistiet li n-negozju kien wiehed ta' "business to business" [jigifieri, negozju maghmul minn persuna li twettaq attività ekonomika ma' persuna ohra li twettaq attività ekonomika] u ghalhekk il-hrug ta' fattura ta' taxxa lill-Kamra tad-Deputati kienet sufficjenti ai termini tat-Tnax-il Skeda tal-Kap. 406. Din il-qorti semghet lix-xhieda jghidu li la darba persuna tkun irregistrata bin-numru tal-VAT, allura ghandha awtomatikament titqies bhala "persuna li twettaq attività ekonomika. Minnufih ghandu jinghad li l-fatt li persuna tkun irregistrata mad-Dipartiment u ghalhekk ghandha numru tal-VAT, ma jfissirx li attività partikolari tikkwalifika mill-ewwel bhala attività ekonomika ma persuna ohra li twettaq attività ekonomika – l-attività setghet tkun wahda bejn persuna li twettaq attività ekonomika u nghidu ahna, konsumatur minkejja li dan tal-ahhar huwa persuna rregistrata.

V.I.P. Tours Malta Limited hi persuna taxxabbli ai termini tal-Artikolu 5 (1) tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud [Kap. 406] u ghalhekk hija "*persuna li twettaq attività ekonomika ikun x'ikun ir-riżultat jew l-għan ta' dik l-attività.*" In-negozju tal-kumpannija de quo jissoddisfa l-kriterji msemmija fl-Artikolu 5 (2) u jikkwalifika bhala l-attività ekonomika. Bhala persuna persuna rregistrata ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap. 406, kellha l-obbligu li tigbor f'isem il-Gvern ta' Malta t-taxxa fuq il-valur mizjud. In fatti, it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva osserva s-segwenti:

"*A tenur ta' l-Artikolu 5(1) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta "persuna taxxabbli" tfisser persuna li twettaq attività ekonomika ikun x'ikun ir-rizultat jew l-ghan ta' dik l-attività14 u a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) attività ekonomika tfisser attività gestita minn persuna, li ma tkunx impjegat li qed jagixxi bhala tali, u li tkun tikkonsisti f'wiehed jew izjed minn dan li gej: (a) xi negozju jew kummerc15; (b) xi professjoni jew vokazzjoni jew il-provvista ta' kull servizz persunali iehor; (c) l-esplojtazzjoni ta' proprjetà tangibbli jew li mhix tangibbli bil-ghan li jinkiseb qligh minnha tul medda ta' zmien kontinwu; (d) l-ghoti minn club, assocjazzjoni jew organizzazzjoni (ghax tithalls xi mizata jew jinghata xi korrispettiv iehor) tal-facilitajiet jew vantaggi disponibbli ghall-membri relattivi; (e) id-dhul, b'korrispettiv, ta' persuni f'kull fond. Minn dawn il-provvedimenti tal-Ligi huwa evidenti li kull persuna li tiggestixxi negozju jew kummerc ... irrispettivament mir-rizultat ta' dik l-attività – ossia tkunx ta' success o meno – u mill-ghan ta' tali attività – kwindi l-vejkolu maghzul ghall-ezercizzju ta' tali attività, ossia fil-kaz in ezami branch – ghandha titqies bhala persuna li tiggestixxi attività ekonomika ghall-finijiet tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghalhekk trid tirregistra bhala taxpayer taht l-istess imsemmi Att.*"[1]

Il-Qorti tal-Gustizzja (It-Tieni Awla) fil-kawza Ainārs Rēdlihs vs Valsts ieņēmumu dienests[2], qalet hekk:

"*L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva VAT, li huwa essenzjalment redatt bi kliem simili għal dak tal-Artikolu 4(1) u (2) tas-Sitt Direttiva, jistabbilixxi:*

*"'Persuna taxxabbli' għandha tfisser kull persuna li, b'mod indipendenti, twettaq fi kwalunkwe post kwalunkwe attività ekonomika, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività.*

*Kwalunkwe attività ta' produtturi, kummerċjanti jew persuni li jagħtu servizzi, inklużi attivitajiet fil-minjieri u fl-agrikoltura u attivitajiet fil-professjonijiet, għandhom jitqiesu bħala 'attività ekonomika'. L-isfruttament*

[1] Rikors 105/12 VG deciz nhar it-28 ta' Frar 2017
[2] Kawza C-263/11deciza nhar id-19 ta' Lulju 2012

*ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skopijiet ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa għandha b'mod partikolari titqies bħala attività ekonomika.*"[3]

Il-kwistjoni, ghalhekk, tholl u torbot fuq il-punt legali jekk il-kumpannija ghamlitx sew li kkunsidrat lill-Kamra tad-Deputati bhala entità li twettaq attività ekonomika ghax ghandha numru tar-registrazzjoni mad-Dipartiment tat-Taxxa tal-Valur Mizjud u ghalhekk, setghet tistrieh fuq il-hrug ta' l-fattura ta' taxxa biss jew li kellha l-obbligu li barra l-fattura taghti wkoll ricevuta fiskali (ta' lewn griz kif iddeskrivieta l-Imputata).

Mill-insenjament tad-Dritt Kostituzzjonali, il-Parlament jitqies li "*the legislative branch of government.*" Bla dubbju, il-Kamra tad-Deputati hi awtorità pubblika kontemplata u mfissra mill-Kap. 406 bhala "*il-Gvern ta' Malta, dipartiment jew diviżjoni tal-Gvern ta' Malta, kunsill lokali mwaqqaf skont l-Att dwar Gvern Lokali, awtorità vestita b'personalità distinta mwaqqfa b'Att tal-Parlament jew korporazzjoni mwaqqfa b'Att tal-Parlament.*" Skont l-Artikolu 5 (3), "*L-attivitajiet ta' awtorità pubblika li tkun qiegħda taġixxi fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet lilha assenjati bil-liġi ma għandhomx jitqiesu li jkunu attivitajiet ekonomiċi ħlief meta u sa dak il-limitu kif hemm provdut fl-Ewwel Skeda u ħlief meta dak it-trattament bħala persuni mhux taxxabbli ikun iwassal għal tgħawwiġ sinifikanti fil-kompetizzjoni.*" Il-Kamra tad-Deputati m'hijiex wahda mill-entitajiet imsemmija fl-Ewwel Skeda u ghalhekk, m'ghandhiex titqies li tiggestixxi attività ekonomika hi x'ini r-raguni li ghandha numru ta' registrazzjoni.

Ix-xhud li tahdem f'Dipartiment tal-Kamra tad-Deputati qalet li l-Kamra hi registrata u ghandha numru tar-registrazzjoni bhala persuna taxxabbli, ma setghetx tiftakar in-numru tar-registrazzjoni. Meta din l-Onorabbli Qorti ezaminat il-fattura li tinsab in atti mmarkata bhala document AT6, sabet li n-numru tal-VAT tal-Kamra tad-Deputati ma kienx gie inkluz.

Issa, skont l-Artikolu 50 (5), fattura "*ta' taxxa għandha tinħareġ fil-forma u b'dak il-mod u għandu jkun fiha dawk il-partikolaritajiet murija fit-Tnax-il Skeda.*" It-Tnax-il Skeda fil-paragrafu 3 (d) tieghu, irid li l-kontenut ta' fattura ta' taxxa inter alia "*l-isem u l-indirizz tal-persuna li tkun irċeviet il-provvista u <u>n-numru ta'identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud li taħtu tkun akkwistat l-oġġetti jew is-servizzi provduti lilha</u>; …*" Meta ma tnizzilx in-numru tal-VAT tal-Kamra tad-Deputati fil-fattura (Dokument AT6), wiehed mill-elementi necessarji pjuttost mandatorji sabiex fattura tikkwalifika bhala fattura ta' taxxa kien nieqes ghal kollox

[3]

fil-fattura li kienet harget il-kumpannija u li qieghda tippretendi li hija fattura ta' taxxa. Ghalhekk, la darba ma tammontax ghal fattura ta' taxxa, japplika l-Artikolu 51 tal-Kap. 406, li jrid li: "*Kull persuna li tagħmel xi provvista, ħlief għal provvista eżenti bla kreditu jew ħlief għal provvista li dwarha hija meħtieġa li tinħareġ fattura ta' taxxa skont l-artikolu 50, għandha tipprovdi lill-persuna li lilha ssir il-provvista fattura, riċevuta jew document ieħor li għandu jinħareġ fil-forma u b'dak il-mod u għandu jkun fih dawk il-partikolaritajiet kif murija fit-Tlettax-il Skeda*." Il-Kumpannija kellha taghti ricevuta fiskali lill-Parlament ghall-provvista moghtiha lilu skont il-format u fit-terminu stabbilit mill-Kap. 406. Ir-ricevuta nharget xhur wara li kienet saret il-provvista u meta saret spezzjoni mir-rapprezentanti tal-Kummissarju tat-Taxxi. Ghalhekk, din il-Qorti qieghda ssib lill-Imputat hatja tal-imputazzjoni kif migjuba kontra taghha.

Decide:

Ghal dawn il-motivi, wara li rat il-partiti 1, 2 u 3 tat-Tlettax-il Skeda l-Artikolu 51u l-Artikolu 77 (e) u 82 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Malur Mizjud (Kap. 406, tal-Ligijiet ta' Malta), issib lill-akkuzata hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tikkundanna lill-istess Imputata ghall-hlas ta' multa ta' 700 euro.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**